**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-KUMMERC)**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum il-Hamis, 21 ta' Marzu, 2019**

Numru 1

**Rikors Guramentat Nru. 342/2017**

**Wara l-atti tar-Rikors Numru 642/2012JZM**
**Suzanne Busuttil, u Brian Busuttil f'ismu proprju u**
**bhala Direttur f'isem u in rapprezentanza ta' Stealth Holdings Limited**
**vs**

**Francis Busuttil & Sons Limited,**
**B & S Contractors Limited,**
**Franco Busuttil,**
**Michael Busuttil,**
**Joseph Busuttil,**
**Christian Busuttil u**
**Jean Paul Busuttil,**
**ilkoll fil-kwalita taghhom kollha bhala diretturi f'isem**
**Francis Busuttil & Sons Limited u B & S Contractors Limited,**
**hlief Franco Busuttil li ma huwiex Direttur ta' B & S Contractors Limited u**
**Jean Paul Busuttil li ma huwiex direttur ta' Francis Busuttil & Sons Limited u**
**ghal kull interess li jista' jkollhom;**
**Foster Clark Products Limited,**
**Francis Busuttil & Sons (Marketing) Limited,**
**B&S Exports Limited,**
**B&S Manufacturing Limited, u**
**Chris Degiorgio bhala direttur ta' Foster Clark Products Limited u**
**ta' Francis Busuttil & Sons (Marketing) Limited, u**
**b'digriet tat-12 ta' Mejju 2014**
**gew kjamati fil-kawza Rebecca Darmanin Kissaun, Natasha Busuttil,**
**Paul Busuttil, Joanna Decesare, Mary Ann Lanzon, Roberta Pecci Busuttil,**
**Clarissa Pace, T&L Holdings Limited, Maria Schaerrer Busuttil,**
**Simone Pace Busuttil, Christian Busuttil, Joseph Busuttil, u**

**Michael Busuttil, bhala azzjonisti ta' Francis Busuttil & Sons Limited, u bhala azzjonisti ta' B&S Contractors Ltd, Sealex Holdings Co Ltd, Mavel Holdings Co Ltd, Antonia Busuttil, Bag Investments Limited, Yan Co Limited, B.C. Investments Limited, The Estate of the Late Charles Busuttil, Joanna Decesare, Mary Ann Lanzon, Clarissa Pace, Roberta Pecci Busuttil, Maria Schaerrer Busuttil, Simone Pace Busuttil, Michael Busuttil, u Franco Busuttil**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tar-rikorrenti tat-18 ta' April, 2017 li jghid hekk:

Recitazzjoni u Ordni
1. Illi din hija talba ghar-revoka contrario imperio tad-digriet moghti minn din l-Onorabbli Qorti fit-30 ta' Marzu 2017 fl-ismijiet premessi, ir-rikors numru 642/12JZM, kopja tad-digriet esebita Dok. A; kif deciz mill-Qorti tal-Appell fil-kawza Suzanne Busuttil et vs Francis Busuttil & Sons Limited et, fl-atti ta' dan ir-Rikors 642/12JZM, fil-kaz ta' rikors a tenur tal-art 402 tal-Companies Act, mhuwiex amissibbli appell peress illi si tratta ta' digriet u mhux sentenza. Il-procedura indikata ghal parti aggravata hija talba ghal impunjazzjoni u revoka contrario imperio permezz ta' Rikors Guramentat fejn l-ezitu ikun sentenza, u minn liema sentenza hemm dritt ta' appell normali lill-Qorti tal-Appell. L-esponenti qeghdin isegwu il-procedura indikata;

2. Illi l-fatti li taw lok ghal dan ir-rikors huma s-segwenti: Fit-22 ta' Gunju 2012 ir-rikorrenti pprezentaw rikors taht l-Artikolu 402 tal-Kap. 386 tal-Ligijiet ta' Malta fejn ippremettew inter alia li "the affairs of the company ilhom zmien twil jitmexxew u qed jitmexxu fil-mument u minghajr ebda prospett illi dan jinbidel fil-futur, b'mod illi huwa oppressiv, unfairly discriminatory against, or unfairly prejudicial maghhom bhala membru u/jew kontra l-interessi tal-membri kollha." Illanjaw ukoll illi "minkejja kull apparenza kontrarja, spiss maskerata f'kumitati u minuti, hemm nuqqasijiet serji ta' corporate governance u trasperenza, u rispett lejn il-minoranzi." Dawn in-nuqqasijiet gew imfissra mir-rikorrenti hekk: vjolazzjoni tad-doveri bazici ta' direttur ta' self-dealing u conflict of interest; vjolazzjoni tad-dover baziku ta' direttur li jagixxu fl-ahjar interess tal-kumpannija; vjolazzjoni tal-corporate opportunity doctrine, fejn xi diretturi jiehdu a vantagg personali taghhom, opportunitajiet kummercjali li jigu f'kuntatt maghhom minhabba l-kariga; nuqqas serju ta' trasparenza minhabba nuqqas ta' trasmissjoni ta' informazzjoni kompleta, b'mod illi l-membri jew xi membri tal-Bord ma humiex f'posizzjoni li jaraw il-kwadru shih tas-sitwazzjoni; tmexxija "oligarkika" tal-kumpannija fejn numru zghir jaghmel decizjonijiet wahdu u fl-interess ta' ftit, mhux fl-interess aktar wiesgha tal-kumpaniji; nuqqas ta' access ghall-informazzjoni; beneficcju mhux awtorizzati jew mohbija minn xi membri. Ir-rikorrenti ghamluha cara li dawn huma biss ezempji u li kien hemm nuqqasijiet ohra li kienu ser johorgu mill-provi prodotti fil-mori tas-smigh tal-kawza;

3. Illi Foster Clark Products Limited, Francis Busuttil & Sons (Marketing) Limited, B&S Exports Limited, B&S Manufacturing Limited u Chris Degiorgio bhala direttur ta' Foster Clark Products Limited u ta' Francis Busuttil & Sons (Marketing) Limited, Francis Busuttil & Sons Limited, B&S Contractors Limited, Franco Busuttil, Michael Busuttil, Joseph Busuttil, Christian Busuttil, Jean Paul Busuttil ilkoll fil-kwalita

taghhom kollha bhala diretturi f'isem Francis Busuttil & Sons Limited u B&S Contractors Limited hlief Franco Busuttill ma huwiex direttur ta' B&S Contractors Limited u Jean Paul Busuttil eccepew fir-risposta taghhom illi: i) Foster Clark Products Limited, Francis Busuttil & Sons (Marketing) Limited, B&S Exports Limited, B&S Manufacturing Limited u Chris Degiorgio bhala direttur ta' Foster Clark Products Limited u ta' Francis Busuttil & Sons (Marketing) Limited ma humiex il-legittimi kontraditturi; ii) in-nuqqas ta' integrita tal-gudizzju; iii) ma jirrizultax b'mod car liema rimedju qed jigi verament invokat mir-rikorrenti jekk hux tassew rimedju taht l-Artikolu 402 tal-Kap. 386 jew l-Artikolu 136A tal-Kap. 386 ghaliex il-lanjanzi jidhru illi huma kollha diretti lejn id-diretturi; iv) il-kumpaniji intimati kollha jitmexxew skont il-ligi, fl-ahjar interess tal-azzjonisti kollha u b'rizultati ottimi u ghalhekk it-talba tar-rikorrenti hija minghajr bazi.

4. Illi permezz ta' Digriet tas-6 ta' Mejju 2013, il-Qorti kienet laqghet l-ewwel eccezzjoni ta' Foster Clark Products Limited, Francis Busuttil & Sons (Marketing) Limited, B&S Exports Limited, B&S Manufacturing Limited u Chris Degiorgio bhala direttur ta' Foster Clark Products Limited u ta' Francis Busuttil & Sons (Marketing) Limited u ddikjarat illi ma kienux legittimi kontraditturi tar-rikorrenti u illiberathom mill-osservanza tal-gudizzju, bl-ispejjez kontra r-rikorrenti. Appell minn dan il-provvediment ma rnexxiex;

5. Illi l-kjamati fil-kawza Rebecca Darmanin Kissaun (I.D. 54472M), Natasha Busuttil (I.D. 317370M), Paul Busuttil (I.D. 695058M), Joanna Decesare (I.D. 412357M), Mary Ann Lanzon (I.D. 555155M), Roberta Pecci Busuttil (I.D. 809060M), Clarissa Pace (I.D. 521963M), Maria Schaerrer Busuttil (Passaport Svizzeru 5115194), Simone Pace Busuttil (I.D. 192157M), Christian Busuttil (I.D. 199278M), Joseph Busuttil (I.D. 90968M), u Michael Busuttil, Sealex Holdings Limited (CI4190), Marvel Holdings Co Ltd (CI6864), Antonia Busuttil (I.D. 51231M) u The Estate of Charles Busuttil eccepew permezz tar-risposta taghhom illi minn dak li jafu huma, partikolarment mir-rizultati eccellenti li jottjenu konsistentament il-kumpaniji, l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti huma infondati u frivoli u probabbilment animati minn agenda li tmur lil hinn minn dak allegat. L-allegazzjonijiet, u iktar u iktar, il-kawza, jaghmlu hsara lill-kumpaniji u indirettament lill-intimati;

6. Illi Franco Busuttil (I.D. 11461M) u B.C. Investments Limited (C8063) eccepew illi l-kumpaniji jitmexxew skont il-ligi u ghalhekk it-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li ma hemm l-ebda oppressjoni u/jew pregudizzju u/jew diskriminazzjoni f'tali tmexxija. Jean Paul Busuttil ghal Bag Investments Limited u Louiana Busuttil ghal Yan Company Limited, azzjonisti ta' B&S Contractors Limited u kif ukoll T&L Holdings (din tal-ahhar f'risposta separata) eccepew illi: i) r-risposti taghhom kienu limitati ghall-allegazzjonijiet fil-konfront tal-kumpaniji rispettivi li kienu membri fihom u s-sussidjarji taghhom; ii) ghall-allegazzjonijiet ghandhom jirispondu d-diretturi tal-kumpanija individwalment u mhux huma li huma ghal kollox estraneji ghall-fatti reklamati; iii) huma qatt ma ghamlu xejn li jista' jigi deskritt bhala diskriminatorju u/jew abusiva u/jew lesiva ta’ drittijiet ta' xi membru iehor tal-kumpanija FBS jew B&S; iv) riedu jigu notifikati bir-rikors ghall-interim order mitluba permezz tar-rikors 642/2012/1 sabiex jirrispondu formalment; li stante li r-relazzjoni ta' familja tezisti bejn il-partijiet huma hassew li d-disgwid li qam ghandu jigi risolt bi djalogu bejn il-partijiet kollha u li hija kienet lesta biex tghin il-partijiet jaslu ghal soluzzjoni bonarja;

7. Illi l-Qorti, permezz tad-digriet taghha tat-30 ta' Marzu 2017, iddecidiet il-vertenza billi:
i. Laqghet it-tieni eccezzjoni ta' Francis Busuttil & Sons Ltd et al u t-tielet eccezzjoni ta' Foster Clark Products Limited et al billi qalet illi peress illi r-rikorrenti pprocedew b'rikors semplici u mhux rikors guramentat, allura huma riedu li l-kawza tkun wahda taht l-Artikolu 402 tal-Kap. 386 u li dak li riedu jiksbu r-rikorrenti kien rimedju immedjat u mhux li jinghataw l-awtorizazzjoni sabiex jaghmlu derivative action;
ii. Cahdet it-talba tar-rikorrenti fejn huma talbu li l-Qorti taghti ordni sabiex il-memorandum u articles of association ta' kull kumpanija involuta jigi emmendat biex jirrifletti l-allegazzjoni li kull familja ghandha tkun rapprezentata fil-Bord minn persuna tal-ghazla taghha;
iii. Qalet illi ma hemmx lok li taghti rimedju kif mitlub mir-rikorrenti inkluz illi Suzanne Busuttil tkun appuntata direttur u dan ghaliex, skont il-Qorti, hija tnehhiet mill-maggoranza ta' azzjonisti ghal ragunijiet serji u validi peress illi l-agir taghha fil-Bord kien negattiv. F'dan ir-rigward, il-Qorti qalet illi ma ngabitx prova li t-turnover kien naqas wara li Suzanne Busuttil tnehhiet, izda ansi kien hemm prova li zdiet;
iv. Cahdet it-talba tar-rikorrenti li Suzanne u/jew Brian Busuttil jinghataw impjieg hekk skont l-articles of association stante li, skont il-Qorti, FBS hija holding company minghajr impjegati u t-talba sabiex Suzanne tigi impjegata ma' sussidjarja ta' FBS tezorbita ruhha mill-mertu ta' din il-procedura fid-dawl tal-provvediment taghha tas-6 ta' Mejju 2013 li kien ikkonfermat mill-Qorti tal-Appell;
v. Cahdet ukoll it-talba ta' kumpens ghal telf ta' paga matul is-snin ghar-raguni precedenti.
vi. Fuq in-nuqqas ta' rapprezentanza fuq is-sussidjarji ta' FBS inkluza FCP il-Qorti tat l-istess ragunijiet ta' qabel;
vii. Qalet illi ma ngabitx prova sodisfacenti tas-sorsi tal-flejjes li allegatament ttiehdu minn FBS u B&S u jekk tali fondi nghatghux lill-kumpaniji nfushom u mhux lill-familja Busuttil per se;
viii. Dikjarat illi ma ngabet ebda prova li kienu jithallsu safar, vaganzi u ikliet mill-flus tal-kumpanija u li l-allowance moghti lil Joseph Busuttil saret b'approvazzjoni tad-diretturi kollha ta' dak iz-zmien inkluz missier Suzanne Busuttil u wara l-mewt ta' Charles Busuttil il-hlas gie ratifikat mid-diretturi kollha barra Suzanne Busuttil;
ix. Dwar l-allegazzjoni li impjegati tal-kumpanija kienu qed jintuzaw biex jaghmlu xoghlijiet personali, il-Qorti stqarret illi ghalkemm din kienet prattika normali ghal xi snin, ma ghadhiex tigi adoperata;
x. Stqarret illi ma kien hemm ebda oppressjoni jew diskriminazzjoni fir-rigward ta' manuvri u skemi allegatament fl-interess ta' sezzjoni ta' azzjonisti biss;
xi. Stqarret illi fil-fatt kien hemm prova ta' good governance;
U b'hekk ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti ma ratx illi kien hemm lok li jintlaqghu t-talbiet tar-rikorrenti ghaliex ma tressqitx, skont hi, prova oggettiva u sodisfacenti dwar ir-rekwizit tal-ewwel sub-artikolu tal-artikolu 402 tal-Kap. 386. Ghalhekk laqghet l-eccezzjonijiet kollha tal-intimati u tal-kjamati fil-kawza, cahdet it-talba tar-rikorrenti u ordnat li r-rikorrenti jhallsu l-ispejjez tal-kawza hlief dawk tal-kjamati fil-kawza li kellhom jithallsu mill-intimati.

Premessi u motivazzjonijiet

8. Illi din il-procedura hija impunjazzjoni u talba ghal revoka contrario imperio b'Rikors Guramentat kif fuq spjegat, u ghar-ragunijiet li ser jigu hawn esposti tad-digriet tal-Qorti, (l-ewwel Qorti), tat-30 ta' Marzu 2017. Din it-talba ser targumenta illi

l-intervent tal-Qorti gie mitlub minhabba frodi, abbuz u malgestjoni (mismanagement), konflitti ta' interess u nuqqas ta' governanza serja. Tillanja illi l-Qorti iffokat fuq dettalji, hafna minnhom irrelevanti jew ancillari, u ma apprezzatx il-kwadru tal-fatti fl-interieta tieghu. Zbaljatament tat piz lil xhieda li mhux attendibbli u kredibbli ghaliex kellhom interess dirett jiddefendu l-operat taghhom. Erroneament ma accettatx it-talba ta' ri-enstatement ta' Suzanne Busuttil fil-Bord ta' FBS jew ta' Brian Busuttil bhala rapprezentant tal-legacy family taghhom u biex Suzanne tinghata impjieg ma' FBS. Naqset milli tapprezza u tiehu intervent decizi fid-dawl ta' prova cara ta' ammonti ta' flus li hargu mill-kumpaniji u li kellhom impatt fuq il-financial statements u dwar malgovernanza. Generalment, ma ippermettitx certi domandi lix-xhieda jew il-produzzjoni ta' dokumenti essenzjali u ma hallietx ukoll xhieda mitluba jixhdu. Fil-kuntest allura, bl-akbar rispett, l-ewwel Qorti ma fehmitx illi kien hemm sitwazzjoni ta' oppressjoni u diskriminazzjoni ingusta fil-konfont tar-rikorrenti. L-esponenti ifakkru illi l-provi f'Rikorsi ohra 12/2015JZM, 802/2014JZM, u 833/2014JZM huma ukoll provi fl-Atti ta' dan ir-rikors u Rikors Guramentat. Fil-kuntest, huwa f'loku kumment dwar id-digriet tal-Qorti tas-6 ta' Mejju 2013. Dan ghaliex, ghal ragunijiet li gew esposti u li jigu trattati ulterjorment, l-ewwel Qorti artificjalment iddistingwiet bejn il-holding company u is-sussidjarji. Huwa zball gravi, fl-umli u rispettuza fehma tal-esponenti, ghaliex kemm il-parent u s-subsidiaries jikkostitwixxi realta ekonomika wahda, anke jekk teknikament hemm kumpaniji separati. Anzi l-ewwel Qorti tat inkorraggiment lill-prattika, li kumpaniji separati izda bl-istess beneficial ownership jistghu jintuzaw biex jeludu "drittijiet ta' azzjonisti. Huwa trit u ovvju illi the affairs of a company, kif jipprovdi l-art 402, jinkludi l-assi taghha, inkluzi s-sussidjarji u l-andament taghhom. L-esponenti jidhirlhom illi l-ewwel Qorti injorat dan il-fatt totalment, u konformi ma' lanjanza generali, harset lejn l-aspett ta' dettal jew settorali, u mhux il-kwadru reali.

It-Tnehhija ta' Suzanne Busuttil minn Direttur ta' FBS u r-rifjut tal-azzjonisti l-ohra li jitqieghed flokha Brian Busuttil

9. Illi l-ewwel kawzali tirreferi ghat-tnehhija ta' Suzanne Busuttil minn Direttur ta' Francis Busuttil & Sons Limited (FBS) u r-rifjut tal-Qorti li tirrikonoxxi illi hemm dritt ta' kull familja ta' kull wiehed mill-hames ahwa subien Busuttil originali li minnhom ghadu haj biss is-Sur Anthony Busuttil, missier l-esponenti Suzanne u Brian Busuttil, li jinnominaw rapprezentant fuq il-Bord tad-Diretturi ta' FBS, ghaliex inter alia, skond il-Qorti, dan id-dritt ma jissemmiex fil-Memorandum and Articles of Association (Pagna 51 tad-digriet impunat). Dan imur radikalment kontra dak li qalet l-ewwel Qorti fil-pagni precedenti dwar l-artikolu 402, u cioe legitimate expectations bazati fuq principji ta' ekwita u mhux drittijiet strettament legalistici, p 42 sa 49. L-esponenti jaghmlu dawn il-konsiderazzjonijiet:

- FBS kienet originarjament partnership qabel ma saret kumpanija;
- Kienet stabbilita mill-familja Busuttil u baqghat hekk ghal generazzjonijiet tul is-snin sallum;
- L-azzjonisti kollha u mbaghad l-hames ahwa subien Busuttil originali jew id-dixxendenti rispettivi taghhom, il-hames legacy families, dejjem kellhom direttur kull wiehed bhala rapprezentant rispettiv taghhom fil-Bord ta' FBS minn meta din saret fl-1966 sa meta Suzanne Busuttil tnehhiet fl-2013, ghal kwazi hamsin (50) sena;
- Kien hemm ftehim, kuntratt verbali, bejn il-hames ahwa subien Busuttil originali, u aktar tard il-legacy families, illi kull wiehed mill-ahwa orignali u mbaghad kull legacy family ikollha rapprezentant taghha fuq il-Bord ta' FBS. Dan kien konfermat mis-Sur Anthony Busuttil. Dan huwa ukoll konfermat minn Suzanne Busuttil, Brian Busuttil,

Jean Paul Busuttil, Louiana Busuttil u T&L Holdings Limited. Huwa inesplikabbli kif l-ewwel Qorti injorat din ix-xhieda, jew almenu ma tatha ebda piz, jew konsiderazzjoni. Lejn tmiem il-proceduri, Jean Paul Busuttil kien car u esplicitu illi dan il-ftehim jezisti;
•Kritika ohra maghmula lid-digriet tal-ewwel Qorti huwa illi injorat il-fatt illi l-ezistenza ta' dan il-ftehim huwa msemmi u kkonfermat fl-iskrittura tal-11 ta' Jannar 2000; liema memorandum, kien allegat mal-minuti ta' FBS b'mod li jorbot il-kumpanija;
•L-istorja, il-prattika konsistenti u qatt mibdula jew varjata;
•Prattika ripetuta, onorata mill-partijiet illi jemmnu illi kienu obbligati li jsegwuha ghal kwazi hamsin sena, hija wkoll konsuetudini legali illi hija ftehim kif spjegat;
•FBS hija family business u meqjusa bhala quasi-partnership u l-membri ghandhom legitimate expectations li jmorru oltre d-drittijiet strettament legalistici. PBS kienet originarjament partnership, qabel ma saret kumpanija, li dejjem kienet proprjeta ta' u kontrollata mill-familja Busuttil. Il-Memorandum and Articles of Association (M&A) ta' FBS jaghti d-dritt lil kull wiehed mill-ahwa subien originali jew membru minn kull legacy family li j/tkun involut/a fin-negozju, u hemm ukoll restrizzjonijiet fit-trasferiment u trasmissjoni ta' azzjonijiet. Dan allura juri l-aspettativa legittima ta' involviment fin-negozju, id-dritt li jahdmu fin-negozju. Dan juri allura aspettativa legittima ovvja u l-fatt illi l-M&A huwa silenzjuz u ma jeskludihx, ir-rikonoxximent tal-partijiet permezz tal-ftehim verbali u ta' l-iskrittura tal-11 ta' Jannar 2000, il-prattika ghal 50 sena, jiddimostra l-ezistenza ta' dan il-patt u kuntratt. L-ftehim rnhuwiex kontra l-M&A jew kontra l-ligi u ghaldaqstant ghandu jigi rikonoxxut u onorat;
•L-esponenti huma l-unika legacy family minghajr rapprezentant taghha fuq il-Bord ta' FBS, u ghaldaqstant rnhumiex qed jippartecipaw fit-tmexxija tal-kumpanija, inkluz il-management, monitoring u control ta' FBS u s-sussidjari taghha, ma ghandhomx access ghal informazzjoni u l-vuci u l-opinjoni taghhom mhux qed jinstema u allura mhux qeghdin jigu kkonsidrati, waqt li l-erba' legacy families l-ohra qed jippartecipaw, ghandhom access u qed jinstemghu. Dan huwa diskriminatorju u ta' pregudizju ingust ghal-esponenti;
•Is-Segretarju tal-Bord stess amrnetta illi r-rapprezentant ta' T&L Holdings Limited, cioe l-holding company tal-legacy family ta' Louis Busuttil, wiehed mill-hames ahwa subien originali, illum mejjet, kien Franco Busuttil. Dan juri illi kull legacy family ghandha d-dritt ta' Direttur. Tispjega ukoll ghaliex dejjem kien hemm hames diretturi, kull direttur minn kull legacy family, hlief ghall-perjodu meta familja kienet fil-process li tirrimpjazza direttur;
•Il-Qorti injorat l-ispjegazzjoni dettaljata u r-raguni wara d-differenza bejn l-M&A ta' FBS u ta' B&S u injorat ukolll-issues rigward ir-rezoluzzjonijiet;
L-esponenti hawnhekk jaghmlu riferenza ghall-provi u motivazzjoni sollevati u argumentati fir-Rikors 833/2014JZM;

10. Illi bl-akbar rispett, n-nuqqas fundamentali tas-sentenza impunjata hija li harset b'mod kwazi mghammad lejn il-fatt illi d-dritt ta' nomina ta' Direttur fuq il-Bord ta' FBS ma huwiex miktub fil-M&A, u eskludiet kull valutazzjoni ohra. Isegwi allura skond l-ewwel Qorti li ma hemm ebda konsiderazzjonijiet ohrajn rilevanti. Injorat l-ewwel Qorti l-fatt illi Suzanne kienet fuq il-Bord bl-assens li jezisti bejn il-partijiet. Tnehhiet ghaliex naqset milli tghid iva u tmur mal-korrenti u uzat id-dritt taghha moghti mill-ligi u mill-M&A illi tiehu posizzjonijiet skomdi u kontroversjali rnhux ghal ragunijiet frivoli, izda minhabba thassib serju jew provi dwar frodi, abbuz, mismanagement u/jew irregolaritajiet ohrajn;

11. Dan iwassal ghalhekk kawzali ohra u cioe illi t-tnehhija ta' Suzanne Busuttil mill-Bord ta' FBS u n-nuqqas tal-Qorti li taghmel re-instatement huwa ingustament oppressiv, u diskrimininatorju proprju kif jahseb l-art. 402 tal-Companies Act. Dan huwa naturalment konness mal-punt tad-dritt ta' kull legacy family li tappunta Direttur, izda distint. Huwa distint ghaliex mhux kaz illi ma riedux jappuntaw lil Suzanne, imma li din kienet membru, tnehhiet u l-Qorti tat il-barka taghha ghat-tnehhija, mhux biss ghaliex issanzjonatha, imma ghaliex irrifjutat talba li terga' tidhol fil-Bord. Il-pregudizzju u d-diskriminazzjoni ingusta hija manifesta fis-sens illi mill-hames familji hija il-legacy family ta' Suzanne u Brian Busuttil biss li mhiex rapprezentata, ma ghandha ebda say fil-gestjoni u anqas informazzjoni, hlief dak li tinghatalhom f'annual general meeting li eventwalment ikun pubbliku fuq is-sit tal-ROC/MFSA;

12. Illi f'pagna 60 tad-Digriet impunjat, ntqal illi "Din il-Qorti tara li t-tnehhija ta' Suzanne Busuttil minn direttur sehhiet ghal ragunijiet serji u validi peress li l-agir taghha fil-bord kien negattiv." Jidher iIli l-ewwel Qorti qaghdet hafna fuq ix-xhieda ta' John Bonello, xhud ex parte, li ovvjament ghandu l-aIleanzi tieghu fil-kuntest tal-kumpanija. Apparti dan, bl-akbar rispett, l-ewwel Qorti baghtet messagg perikoluz hafna: illi jezisti principju illi jekk membru f'Bord ta' Diretturi ikun negattiv, fil-fehma tal-general meeting, ta' xi azzjonisiti, tal-Qorti, allura hemm principju legali u vinkolanti li ghaliex tkun "negattiv", tista' titnehha mill-Bord fuq il-bazi tan-"negattivita'". L-esponenti tikkontesta il-legalita ta' din l-asserzjoni bhala raguni valida fis-sens tal-402. Inoltre, qed tibghat messagg perikoluz lid-dinja korporattiva;

13. Illi ghalhekk wiehed jistaqsi fil-kuntest, x'ghamlet hazin jew illegali Suzanne Busuttil? Kienet tkun ippreparata, tistaqsi u vigil anti fil-Bord. Ovvjament, ma kenitx komda ghaIl-Bord. Wahedha ghalhekk tqum il-mistoqisja, biex wiehed ikun board member, irid jghid iva ghall dak li jipproponu l-Bord. Ma hemmx dritt li ma taqbilx? L-ewwel Qorti injorat il-fatt illi meta kienet ghadha fuq il-Bord, Suzanne Busuttil wahedha oggezzjonat ghall-bejgh ta' Foster Clark Products Limtied (FCP) lid-ditta Dr Oetker - irrizulta wara li l-offerta kienet sostanzjalment anqas mill-valur ta' FCP u wahedha kienet li oggezzjonat u fethet ghajnejn il-bord ta' FBS. Dan gie injorat mill-ewwel Qorti kif ukoll il-fatt illi dejjem attendiet il-Bord meetings u ghamlet hafna domandi;

14. Jissemma wkoll li l-ewwel Qorti lanqas riedet taghti rimedju fis-sens illi jigi appuntat Brian Busuttil bhala Direttur minflok ohtu. Dan ukoll ma kenitx sitwazzjoni illi sabet akkoljiment mill-Qorti u r-ragunament ta' legitimate expectations, quasi-partnership u aktar u aktar ic-cirkostanzi tan-negozju tal-familja Busuttil gew totalment injorati.

Li Suzanne u jew Brian Busuttil jigu impjegati ma' FBS

15. Illi l-ewwel Qorti cahdet talba biex Suzanne jew Brian Busuttil jigu impjegati ma' FBS, dan fuq bazi illi din hija biss holding company u allura per se ma hix kumpanija operativa. Fil-kors tal-provi u tat-trattazzjoni, l-esponenti juru illi l-ewwel Qorti ghamlet applikazzjoni zbaljata fis-sens illi naqset milli tara l-kuntest kollu u minflok harset lejn dettalji izolati ta' subsidiary/holding. Hawnhekk rilevanti li jinghad illi imbilli FBS hija holding company ma jfissirx illi ma hemmx dritt li wiehed jew wahda tkun impjegat/a mieghu jew li ma jistax ikollha impjegati. L-ewwel Qorti setghet ordnat lill-

holding company li timponi fuq is-sussidjarji bhala parent company li jkun hemm impieg;

16. Illi l-ewwel Qorti irriteniet ukoll f'pagna 62 tad-Digriet illi "it-talba biex Suzanne Busuttil tigi mpjegata ma' sussidjarji ta' FBS, jerga' jigi ribadit li din it-taba tezorbita ruhha mill-mertu ta' din il-procedura fid-dawl tal-provvediment taghha tas-6 ta' Marzu 2013 li kien ikkonfermat mill-Qorti tal-Appell" - bl-ikbar rispett, il-Qorti tal-Appell kull ma iddecidiet kien illi digriet simili mhux appellabbli bhal ma huwa Rikors Guramentat, izda huwa impunjabbli b'talba ghal revoka contrario imperio b'Rikors Guramentat, li jaghti dritt ta' appell mis-sentenza. Il-punt imsemmi mill-ewwel Qorti fil-provvediment taghha tas-6 ta' Mejju 2013 (mhux Marzu) kif qalet is-sentenza tal-ewwel Qorti huwa illi laqghet l-ewwel eccezzjoni preliminari tal-intimati Foster Clark Products Limited (C803), Francis Busuttil & Sons (Marketing) Limited (C24137), B&S Exports Limited (C 16946), B&S Manufacturing Limited (CI6941) u ta' Chris Degiorgio bhala direttur ta' Foster Clark Products Limited (C803) u ta' Francis Busuttil & Sons (Marketing) Limited (C24137), tiddikjara illi dawn l-intimati msemmija mhumiex il-legittimi kontraditturi tar-rikorrenti. Kull ma qalet il-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha tal-31 ta' Jannar 2014 huwa li indikat il-procedura, izda ma kkonfermat xejn. Dak id-digriet ukoll qed jigi impunjat permezz tal-prezenti procedura jigifieri ghadu ma huwiex finali. Inoltre, huwa irrelevanti fuq il-kwistjoni tal-impieg ghaliex id-digriet tal-ewwel Qorti kien fuq locus standi f'article 402 action, u ma ghandux x'jaqsam mal-impieg tal-esponenti.

Nuqqas ta' rapprezentanza fuq is-sussidjarji ta' FBS, inkluza FCP

17. Illi n-nuqqas ta' rapprezentazzjoni tal-esponenti fuq il-Bordijiet tas-sussidjarji ta' FBS, inkluz FCP huwa ta' pregudizju injust ghal-esponenti. Biex tigi evitata repetizzjoni, dak li diga nghad aktar qabel dwar it-tnehhija ta' Suzanne Busuttil u n-nuqqas ta' rapprezentant tal-legacy family tal-esponenti fuq il-bord ta' FBS jghodd hawnhekk ukoll. Apparti dan kollu, mhux biss tnehha r-rapprezentant tal-legacy family tal-esponenti fuq FBS, huma ma ghandhomx rapprezentant fuq il-bords tas-sussidjari, allura isegwi illi dawn ma ghandhom ebda kontroll, say jew oversight fuq is-sussidarji, u cioe l-kumpaniji li joperaw, ta' FBS.

Frodi, abbuz u malgestjoni

18. Illi l-leitmotiv u l-bazi fondamentali li wasslet li tinbeda l-procedura originali kienet protesta kontra u talba ghal rimedju fuq il-governanza tal-kumpanija.

Flus li gew siphoned out mill-kumpanniji u depozitati f'kontijiet esteri

L-esponenti iqisu illi huma resqu provi dokumentarji li kien hemm Bank Drafts ta' ammonti sostanzjali li hargu minn Credit Suisse, Bank Svizzeru u Coutts, Financial Institution Ingliza li kienu gejjin minn flus illi gew siphoned out mill-kumpaniji. F'dan il-kuntest, dawn il-punti jitqiesu rilevanti:

- Kien hemm prova ta' malgovernanza peress illi certi flus hargu mill-kumpanija;
- Huwa irrelevanti illi dan huwa negozju familjari. Din hija prassi hazina u certament ma tista' qatt issir meta hemm diversi azzjonisti interessati, apparti kull aspett iehor legali u regolatorju;
- L-uditur John Zarb, PricewaterhouseCoopers (PWC), ammetta l-ezistenza ta' dawn id-dokumenti u illi l-financial statements kien fihom figuri fittizji;
- Fl-istess waqt, minkejja l-ammissjoni li l-financial statements fihom figuri fittizji, l-ewwel Qorti accettat u qaghdet fuq it-testimonjanza ta' John Zarb u Simon Flynn li

dawn il-hlasijiet u d-dokumenti relatati ma kienx ser ikollhom impatt fuq il-financial statements. PWC ovvjament ma kenitx ser tammetti jew tghid illi dawn setghu jkollhom impatt fuq il-financial statements ghaliex PWC harget unqualified report, kif jinghad clean audit report;
•Ix-xhieda li qaghdet fuqhom l-ewwel Qorti, John Zarb u Simon Flynn certament mhux indipendenti fil-kuntest illi kellhom jispjegaw operat taghhom;
•Anke kieku kellha tigi accettata l-verzjoni ta' John Zarb illi Direttur kien qed jinnegozja kummissjonijiet fuq livell personali a skapitu tal-kumpanija, din mhux ammissibbli ghaliex tmur kontra l-corporate opportunity doctrine;
•L-ewwel Qorti ippermettiet lil Joseph Busuttil illi ma jwegibx certi domandi. Jekk veru illi xi azzjonisti ircevew flus u dawn hadu amnestija fiskali fuqhom, ghaliex Joseph Busuttil naqas milli jwiegeb certi domandi. Niftakru illi fix-xhieda tieghu l-ewwel qal li jaf bihom imbaghad li ma jafx bihom. It-trattament tal-awtoritajiet fiskali hija irrelevanti ghal finijiet ta' malgovernanza - jekk xejn l-amnestija tipprova l-malgovernanza. Il-punt hawnhekk huwa l-mod kif titmexxa l-kumpanija u mhux l-amnestija moghtija mill-awtoritajiet;
•Jekk kollox kien regolari, ghaliex kellhom certi fondi jghaddu minn Credit Suisse u Coutts? Ghaliex ma setax dawn jithallsu regolarment mad-dividendi l-ohrajn? X'kontroll ghandhom l-esponenti illi ma setghax kien hemm affarijiet ohra li ma jafux u ma setghux jafu bihom? Dan huwa l-punt kollu tal-malgovernanza u l-corporate governance tajba, il-bazi ta' dan ir-rikors;
Dan kollu qed jinghad biex tintwera ir-raguni illi bdiet din il-procedura kienet sabiex jinghata rimedju biex din il-prattika u dawk simili jieqfu w ikun hemrn accountability.

Spejjez personali addebitati u jghaddu bhala spejjez tal-kumpaniji u uzu tal-assi tal-kumpanija gbal skop personali

19. Illi l-ewwel Qorti sommarjament ikkonkludiet illi la darba din il-prattika waqfet, allura ma ghandhiex izjed vertenza. L-ewwel nett, din il-konkluzjoni ma hijiex motivata jew spjegata mill-Qorti, u lanqas sostanzjata bi provi mill-intimati. Irrizulta kjarament mill-provi illi din il-prattika kienet tezisti, u tenut in-nuqqas ta' informazzjoni, ma tista' tingibed ebda konkluzjoni dwar il-prezenti. L-artikolu 402 jaghti poteri lill-Qorti illi tintervjeni ghaliex hemm oppressjoni u diskriminazzjoni ingusta meta xi azzjonisti jghaddu l-ispejjez personali taghhom mill-fondi tal-kumpanija. Huwa car u ovvju li l-fondi u l-assi tal-kumpanija, is-sussidjarji u l-group huma appartenenti lill-azzjonisti bhala dritt proprjetarju. Inoltre, dan imur kontra principju fondamentali ta' accounting, li llum huwa parti mill-Companies Act, ghaliex ir-regoli tal-International Financial Reporting Standards (IFRS) huma inkorporati fil-ligi. Jissemma illi l-Qorti irrikonoxxiet illi din il-malaprassi kienet tezisti u apparentement, skond il-konkluzjoni tal-Qorti, waqfet, izda din ma hijiex gustifikazzjoni li l-Qorti waqfet u ma ppronunzjatx ruhha. L-esponenti stennew illi l-Qorti tissanzjona fis-sens illi ticcensura din il-prattika bhala wahda hazina, tmur kontra r-regoli tal-accounting, good governance u fuq kollox qed tnaqqas il-valur tal-azzjonat, ghaliex li kieku kull azzjonist, f'kumpanija fejn hemm hames familji u d-dixxendenti taghhom proprjetarji, juza u jghaddi l-ispejjez personali tieghu/taghha mill-kumpanija FBS minghajr accountability jew kontroll, huwa car illi dan iwassal ghal anarkija fil-governanza.

Manuvri, skemi, nepotismu u nuqqas ta' meritokrazija

20. Illi l-ewwel Qorti hawnhekk tefghet flimkien numru ta' punti u irriteniet illi dan huwa mertu ta' procedura ohra. Dan fil-fehma ta' l-esponenti mhux minnu ghaliex hemm punti li ma gewx trattati fi proceduri paralleli u anke li kieku huma wkoll ta'

rilevanza fondamentali u primarja anke f'din it-talba. Hawnhekk dawn il-punti jinghadu:
•Il-Qorti qaghdet fuq l-udituri John Z arb u Simon Flynn. Kif diga gie demostrat, dawn ma kenux u ma setghux ikunu indipendenti, apparti li x-xhieda taghhom kienet inkonsistenti;
•L-ewwel Qorti qalet illi ntalbet stima minghand ditta ohra ta' udituri fil-kuntest tal-valutazzjoni ta' B&S. Dan jigi sottomess mhux minnu ghaliex l-istima l-ohra kienet ta' FCP meta kienet qed tigi valutata l-offerta ta' Dr Oetker - qatt ma giet prodotta, u jitfakkar illi l-Qorti ma ppremettiex il-produzzjoni tal-istima ta' PWC ta' FCP u l-azzjonisti qatt ma nghatatilhom kopja ta' din l-istima. Fi kwalunke kaz, l-offerti reali ricevuti ghax-xiri ta' FCP kienu sinifikativament superjuri ghall-valutazzjoni maghmula minn PWC;
•Dwar il-kumpanija proposta fl-Olanda, l-ewwel Qorti ghazlet li toqghod fuq 'esperti lokali u barranin' u njorat totalment dak li qed jigri fil-kuntest ta' taxxa internazzjonali, minkejja dak li jghidu gurnali awtorevoli fid-dinja tal-finanza (Financial Times). Mhux minnu li kien hemm approvazzjoni u allura garanzija tal-Inland Revenue, Malta Enterprise u l-Ministeru tal-Finanzi li din il-kumpanija fl-Olanda kienet ser tirrizulta f'kont tat-taxxa aktar baxxa mir-rati normali. Dr Neville Gatt, PWC, ikkonferma li l-ittra tad-Dipartiment tat-Taxxa ma kienx legally binding. Il-Qorti ma ghamlet ebda kumment dwar ir-riskji inerenti, sanciti fil-ligi, illi meta skema tkun intiza biss biex tnaqqas it-taxxa, allura il-Kummissarju ghandu l-poter li jinjoraha, bir-riskji ta' taxxi addizzjonali, penali u imghaxijiet;
•Li kieku l-prova kienet valutata korrettement mill-ewwel Qorti, kienet tara illi l-kumitati kollha, inkluz tal-internal audit, tal-corporate governance u r-remuneration committee lanqas huma remotament kompatibbli mal-governanza tajba, specjalment mal-principji ta' accountability - dan ghas-semplici fatt illi kienu l-istess nies, jew nies fl-istess cirku appuntati u ma indirizzawx l-irregolaritajiet, il-frodi, l-abbuz u l-malgestjoni u ma hadux passi kontra n-nies involuti;
•L-ewwel Qorti naqset totalment milli tevalwa - anke fil-kuntest ta' negozju familjari - il-lanjanza ta' cronyism, u cosy relationships tul is-snin. L-ewwel Qorti ma apprezzatx illi biex dawn ifissru xi haga, iridu jkunu realment indipendenti. Kif diga gie ribadit, forsi kienet tkun differenti - u mhux necessarjament il-kaz - li kieku l-interess kien ta' persuna wahda, izda meta hemm dawn il-persuni u azzjonisti kollha interessati, ma jistax ikun hemm triq ohra hlief ta' trasparenza vera u governanza serja u robusta. L-ewwel Qorti setghet tardna investigazzjoni indipendenti u mhux toqghod fuq l-istess nies li l-operat taghhom qed jigi kontestat;

21. Illi l-esponenti jaghmlu riferenza ukoll ghall-proceduri ta' impunjazzjoni paralleli Rikors 12/15JZM. Il-provi f’dan l-Atti u f’dawk jaghmlu riferenza u jaghmlu stat reciproku u l-punti kollha u l-background hemm u hawn spjegat huma kollha relevanti, f’dawk u f’dawn l-atti;

22. B'dispjacir, l-esponenti jinnotaw illi l-Qorti iffokat biss fuq aspetti minnha selettivament indirizzati, u b'indirizz parzjali u limitat, u injorat u ma tatx kaz il-punti kollha sollevati li tqajmu waqt it-trattazzjoni, minghajr spjegazzjoni ghaliex ommittiet li tittrattahom jew injorathom, partikolannent meta kienu kollha punti rilevanti fil-kuntest ta' article 402 action. Dwar dan kollu, l-esponenti jirriservaw li jelaboraw u jittrattaw bil-mezzi kollha li ittihom u tippertmettilhom il-ligi fit-trattazzjoni.

Rikapitulazzjoni u riepilogu

23. Illi bl-akbar rispett, l-esponenti iqisu d-digriet ingust u zbaljat legalment. L-ewwel net, l-ewwel Qorti totalment injorat the major gripe tal-procedura: li kienet il-frodi, abbuz, malgestjoni (mismanagement), u nuqqas ta' trasparenza, governanza (governance) u accountability. Il-Qorti bl-akbar rispett naqset, fil-fehma rispettuza ta' l-esponenti, totalment li tapprezza dawn l-aspetti u iffokat fuq aspetti marginali u ancillari minflok it-tema stridenti tal-procedura. Suzanne Busuttil ipprezentat Affidavit ta' kwazi mitt pagna bi tmien mitt pagna dokumenti li jissoregu l-affidavit, apparti l-affidavits u d-dokumenti l-ohra tal-esponenti. Qari tad-digriet jindika attenzjoni limitata ghall-issue principali;

24. Illi ta' preokupazzjoni fondamentali jibqa' l-fatt illi l-Qorti ikklasifikat whistleblower bhala negativa u mhux biss cahdet it-talba biex Suzanne Busuttil terga' tigi re-instated bhala Direttur ta' FBS izda ghaddiet biex taghti l-barka taghha ghat-tnehhija taghha. Il-messagg, kif diga inghad, fil-fehma tal-esponenti, huwa wiehed pre-okkupanti ghall-komunita korporativa, illi jekk tkun Direttur attiv/a u taghmel wisq mistoqsijiet, hemm riskju reali li titnehha mill-Bord u dan isib is-sanzjoni tal-Qorti. Dan imur kontra r-responsabbilta u d-dmirijiet tad-diretturi u kull prattika internazzjonali tallum fejn id-diretturi huma mistennija jkunu viliganti, attivi u jekk hemm bzonn mhux 'poplari' u mhux ikunu diretturi li jghidu iva u jakkonsentixxu ghal kollox anke affarijiet irregolari jew addirittura illegali. Dawn is-sottomissjonijiet bil-miktub u verbali gew ghal kollox injorati mill-Qorti u dan jinkludi l-ftehim ezisteni ta' dritt ta' direttur fuq il-Bord ta' FBS minn kull legacy family. Izjed u izjed preokkupanti jqisu l-esponenti, fid-dawl ta' allegazzjonijiet ta' frodi, abbuz u mismanagement, dawn gew totalment injorati u mitfugha mat-triq. Fl-ahhar mill-ahhar, din l-analisi, bl-akbar rispett tistultifika u tirrendi inutli u minghar effikacja azzjoni taht l-artikolu 402. Mhux biss, ihallu lill-azzjonist li qed ifittex xi kenn, totalment minghajr rimedju.

25. Illi jissemma u jigi ribadit illi l-esponenti ma thallewx isejhu certi xhieda, gew prekluzi li jaghmlu domandi rilevanti lix-xhieda u li jitolbuhom dokumenti, fosthom li tissejjah Wendy Busuttil u li s-Sur John Zarb - ukoll hekk inghata parir mill-avukati ta' l-intimati – ma jipproducix l-istima ta' FCP.

26. Illi l-esponenti jixtiequ jirreferu ghall-kumment li ghaddiet il-Qorti, illi l-esponenti ma kienux qed ifittxu azzjoni derivattiva u saret riferenza ghad-disposizzjoni ta' art 136A tal-Companies Act. L-esponenti qed jaghmlu f'dan il-kuntest ir-riservi opportuni li jistitwixxu derivative action kontra d-diretturi tal-holding u subsidiary companies, fid-dawl ta' din l-osservazzjoni.

Kritika tar-response tal-Qorti

27. Illi fl-linji generali jinghad illi l-art 402 huwa intiz, u ghalhekk il-Qorti ghandha poteri wiesgha u diskrezzjonali, biex il-Qorti tkun tista' tintervjeni u mhux tevita l-punti sollevati. L-esponenti kienu jistennew risposta u reazzjoni fenn aktar robusta u immaginativa mill-Qorti. Ibda biex, il-Qorti spezzettat l-issues u injorat hafna minnhom u ukoll, ma rnexxiliex thares lejn kwadru wiehed u holistiku.

28. Illi l-esponenti ghalhekk jitolbu lil din il-Qorti li tezamina lanjanza lanjanza u tqieghed kollox fil-kuntest u anke fid-dawl ta' litigazzjoni parallela kemm quddiem il-Qorti tal-Appell kif ukoll quddiem din il-Qorti; minn talba ghal intervent tal-Qorti biex jigu infurzati drittijiet fondamentali u legittimi u biex jigu indirizzati frodi, abbuz, malgestjoni (mismanagement) u nuqqas ta' trasparenza, governanza (governance) u

accountability, l-ewwel Qorti spiccat biex tat il-benedizzjoni u l-barka taghha ghal manuvri (1) li huma ta' pregudizzju ingust jew diskriminatorju ghall-esponenti jew mhux fl-interess tal-membri kollha, u (2) li xi whud minnhom huma irregolari u potenzjonalment illegali (bhal frodi ta' ammonti siphoned off, spejjez personali mhallsa mill-kumpaniji, uzu ta' assi tal-kumpaniji ghal uzu personali, skemi u manuvri dubjuzi u irregolari, konflitti ta' interess, ksur tal-corporate opportunity doctrine, ecc.);

Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu bil-qima liI din l-Onorabbli Qorti joghgobha thassar tirrevoka u tannulla contrario imperio, id-digrieti (i) tas-6 ta' Mejju 2013 u (ii) tat-30 ta' Marzu 2017 tal-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civil diversament presjeduta fir-rikors 642/12JZM fl-ismijiet premessi u thassar dawk l-ordnijiet kollha ancillari jew interlokutorji waqt is-smigh, fejn l-esponenti gew prekluzi milli jressqu prova jew jaghmlu domanda jew jitolbu dokumenti u tippermettihom, billi previa li tichad l-eccezzjonijiet u r-risposti tal-intimati, tirrevoka contrario imperio d-digrieti msemmija ta' din il-Qorti diversament presjeduta u tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti fir-rikors promotur originali, u taghti dawk id-direttivi li jidhrulha xierqa u opportuni.

Rat ir-risposta guramentata ta’ B.C. Investments Limited u Franco Busuttil li tghid hekk:

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-spejjez.

2. Illi ex admissis l-atturi qed jintavolaw dina l-kawza konxji tal-fatt li ma kellhomx dritt ta' appell mid-decizjoni moghtija minn dina l-Qorti fit-30 ta' Marzu 2017 essendo kawza intavolata a tenur tal-artiklu 402 tal-Kap. 386 u ghalhekk intavolaw dina l-kawza fejn qed jitolbu li dina l-Onorabbli Qorti tirrevoka contrario imperio d-decizjoni in kwistjoni bl-isperanza li tinghata sentenza minn dina l-Onorabbli Qorti f'dawn il-proceduri u eventwalment jista' jigi intavolat appell mill-istess quddiem il-Qorti tal-Appell. Kif jidher mir-rikors promotur l-atturi qed jergghu javvanzaw id-diversi lanjanzi taghhom bhala kawzali f'din l-kawza bhala bazi ghat-talba taghhom izda huwa umilment sottomess illi dan ma ghandux jigi permess ghaliex ir-rimedju invokat mill-atturi ma jippermettix li jerga' jinstemgha l-mertu mill-gdid u li l-Qorti jista' jkollha s-setgha li tezamina mill-gdid il-mertu gia deciz bis-sahha tad-decizjoni moghtija fit-30 ta' Marzu 2017.

3. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, jigi eccepit illi d-decizjoni moghtija minn dina l-Qorti fil-kawza fl-istess ismijiet (rikors numru 642/2012JZM) fit-30 ta' Marzu 2017 hija finali billi skont il-ligi ma hemmx dritt ta' appell mid-decizjoni in kwistjoni u kwindi qed jigi eccepit li l-istess decizjoni tikkostitwixxi res judicata.

4. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, jigi eccepit illi d-decizjoni moghtija fit-30 ta' Marzu 2017 kienet wahda gusta li timmerita li tigi konfermata billi l-lanjanzi tal-atturi huma fattwalment infondati u legaiment insostenibbli u dan ghall-istess ragunijiet avvanzati fl-istess proceduri u dawk il-konsiderazzjonijiet decizi minn dina l-Qorti bis-sahha tal-imsemmija decizjoni tat-30 ta' Marzu 2017.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri permessi bil-ligi.

Rat ir-risposta guramentata ta’ Rebecca Darmanin Kissaun, Natasha Busuttil, Paul Busuttil, Joanna Decesare, Mary Ann Lanzon, Roberta Pecci Busuttil, Clarissa Pace, Maria Schaerrer Busuttil, Simone Pace Busuttil, Christian Busuttil, Joseph Busuttil, Michael Busuttil, Sealex Holdings Co Ltd, Mavel Holdings Co Ltd, Antonia Busuttil, The Estate of the Late Charles Busuttil li tghid hekk:

Difiza

1. Fl-ewwel lok u preliminarjament, ir-rikorrenti f'talba wahda qieghdin jitolbu revoka ta' zewg digrieti separati flimkien ma thassir ta' kwalunkwe "ordnijiet ancillari ohra u interlokatorji" mhux specifikati. Tali digrieti u/jew ordnijiet huma ta' natura differenti, inghataw f'stadju differenti tal-proceduri u jimmeritaw difiza differenti. Ghalhekk ir-rikorrenti ghandhom jigu ordnati jiccaraw ir-rikors guramentat u l-intimati jinghataw l-opportunita jirrispondu ghar-rikors kif iccarat.

2. Preliminarjament, u dwar il-parti tat-talba li tirrigwardja d-digriet datat 30 ta' Marzu 2017, l-improponibbilita tat-talbiet tar-rikorrenti in kwantu il-procedura li qieghdin jittentaw tippermetti biss talba sabiex jigi revokat provvediment moghti a tenur tal-artikolu 402 tal-Kap. 386 tal-Ligijiet ta' Malta u mhux talba sabiex il-Qorti tilqa' talbiet diga michuda mill-istess Qorti diversament preseduta. Ghalhekk l-intimati ghandhom jigu liberati mid-domandi.

3. Minghajr pregudizzju ghas-suespost, kwalunkwe ordnijiet ancillari jew interlokatorji dwar l-andament tas-smigh tal-provi ghandhom jigu ikkonfermati, ghaliex il-provi li kellhom u setghu jinstemghu, instemghu kollha minn din l-Onorabbli Qorti diversament preseduta fit-tul, b'mod shih u minghajr ebda htiega ta' kjarifiki ulterjuri jew xhieda addizzjonali. Ghalhekk, l-esponenti qieghdin sa minn issa jirregistraw l-opposizzjoni taghhom ghas-smigh ta' kwalunkwe xhieda indikati mir-rikorrenti f'dan ir-rikors guramentat.

4. Minghajr pregudizzju ghas-suespost u fil-mertu, fir-rigward tat-talba sabiex din l-Onorabbli Qorti tirrevoka d-digriet tat-30 ta' Marzu 2017 u tilqa' t-talbiet mitluba originarjament fil-proceduri 642/2012JZM, l-esponenti jirribadixxu li minn dak li jafu huma, partikolarjament izda mhux biss mir-rizultanti eccellenti li jottjenu konsistentement il-kumpanniji, l-allegazzjonijiet kollha migjuba huma mhux biss infondati imma frivoli u probabbilment animati minn agenda li tmur lil hinn minn dak allegat. L-allegazzjonijiet, u iktar u iktar, dawn li issa saru serje ta' kawzi, jaghmlu hsara lill-kumpanniji u indirettament lill-intimati.

5. Bl-ispejjez u salv risposti ulterjuri.

Fatti

6. Nhar it-30 ta' Marzu 2017, din l-Onorabbli Qorti diversament preseduta laqghet l-eccezzjonijiet kollha tal-intimati u tal-kjamati in kawza u cahdet it-talba tar-rikorrenti.

7. A skans ta' kull inekwivoku, l-esponenti jiddikjaraw illi ser ikunu qieghdin jirrispondu ghall-fatti esposti fir-rikors guramentat skont it-taqsimiet maghmula mir-rikorrenti fl-istess rikors.

Dwar it-tnehhija ta' Suzanne Busuttil minn direttur ta' Francis Busuttil & Sons ("FBS") u r-rifjut tal-azzjonisti l-ohra li jitqieghed flokha Brian Busuttil

8. Fir-rigward tal-fatti esposti f'paragrafu 9 tar-rikors guramentat tar-rikorrenti, jinghad illi ma jezisti l-ebda dritt fejn kull hekk imsejjha "legacy family" tappunta hi direttament direttur fuq il-bord tad-diretturi.

9. Din l-Onor Qorti diversament preseduta, gharblet sewwa l-fatti provati dwar (i) il-hatra tad-diretturi skont il-Memorandum and Articles of Association u l-Kap. 386 tal-Ligijiet ta' Malta; (ii) il-bzonn ta' resoluzzjoni u/jew vot tal-azzjonisti; u (iii) in-nota aide memoire datata 11 ta' Jannar 2000; u ghalhekk dwar dan qieghda ssir referenza diretta ghal fatti kif inhuma esposti fid-digriet tat-30 ta' Marzu 2017 tal-istess Onor. Qorti.

10. Suzanne Busuttil tnehhiet minn direttrici tal-FBS f'laqgha generali straordinarja tal-azzjonisti fis-sena 2013 ghal ragunijiet serji u validi u wara li l-maggoranza qablet li l-agir taghha kien negattiv, distruttiv u mhux fl-ahjar interess tal-kumpanija.

11. It-tnehhija ta' direttur minn fuq bord tal-kumpanija ma jammontax fih innifsu ghal att oppressiv, ingust, jew diskriminatorju.

12. It-tnehhija ta' Suzanne Busuttil mill-bord tad-diretturi ta' FBS ma waslet ghal ebda pregudizzju ghal kumpanija; pjuttost ‘l kuntrarju.

13. Wara li Suzanne Busuttil tnehhiet minn fuq il-bord, it-turnover ta' FBS baqa' jizdied sena wara sena minn €93.9m fis-sena 2013 sa €111m fis-sena 2015, waqt li l-profitti qabel it-taxxa zdiedu minn €20m fl-2013 ghal €28.3m fl-2015. Il-kumpanija baqghet sejra 'il quddiem u Suzanne Busuttil baqghet tibbenefika bhala azzjonista.

14. Mhux minnu li r-rikorrenti mhumiex rapprezentati fil-bord tal-FBS. Id-diretturi effettivament jahdmu u jirraprezentaw l-interessi tal-kumpaniji, u fl-ahhar mill-ahhar jirraprezentaw ukoll l-interessi tal-azzjonisti kollha.

15. Fir-rigward tal-fatti esposti f'paragrafu erbatax tar-rikors guramentat, jerga' jigi rilevat illi l-hatra ta' direttur hija materja rizervata ghal resoluzzjoni tal-azzjonisti kollha. Fil-kaz ta' Brian Busuttil, il-vot tal-azzjonisti cahad il-hatra ta' Brian Busuttil bhala direttur, essenzjalment ghall-istess ragunijiet li wasslu ghat-tnehhija ta' Susanne Busuttil.

Li Suzanne u/jew Brian Busuttil jigu impjegati ma' FBS

16. FBS hija biss holding company - ma taghmel l-ebda attivita, ma ghanda l-ebda impjegati u ma ghandix bzonn li timpjega xi persuni.

17. It-talba tar-rikorrenti li tigi impjegata mas-sussidjarji ta' FBS tesorbita l-mertu ta' dawn il-proceduri stante li l-istess sussidjarji gew illiberati mill-osservenza tal-gudizzju permezz ta' digriet datat 6 ta' Mejju 2013, liema digriet gie ikkonfermat mill-Qorti tal-Appell ta' nhar il-3l ta' Jannar 2014.

18. Is-sentenza tal-Qorti tal-Appell kienet diga fis-sehh meta din l-Onorabbli Qorti diversament preseduta tat id-digriet taghha tat-30 ta' Marzu 2017.

19. In linea ma' dak espost, lanqas ma ghanda din il-Qorti taghti l-ebda forma ta' kumpens ghal-kwalunkwe allegat telf ta' paga.

Nuqqas ta' rapprezentanza fuq is-sussidjarji ta' FBS, inkluza Foster Clark Products Limited (“FCP")
20. Jerga' jigi mfakkar li dawn il-proceduri ma jikkoncernawx lis-sussidjarji izda jikkoncernaw biss lil FBS u anki hawn it-talbiet tar-rikorrenti jesorbitaw il-mertu.

21. Jerga' jinghad ukoll illi mhux minnu li r-rikorrenti mhumiex rapprezentati fil-bord tal-FBS jew tas-sussidjarji taghha proprju ghaliex id-diretturi jahdmu u jirraprezentaw l-interessi tal-kumpaniji, u fl-ahhar mill-ahhar jirraprezentaw ukoll l-interessi tal-azzjonisti kollha.

22. A skans ta' repetizzjoni inutili, issir referenza ghat dak li jinghad f'paragrafu 9 et seq. fejn gie spjegat illi ma jezisti l-ebda dritt li kull hekk imsejjha "legacy family" tappunta hi direttament direttur fuq il-bord tad-diretturi.

Frodi, abbuz u malgestjoni
Flus li gew siphoned out mill-kumpaniji u depoiztati f'kontijiet esteri
23. Minkejja d-diversi allegazzjonijiet fiergha tar-rikorrenti, PricewaterhouseCoopers ("PwC") baqghu jaghtu "clean audit reports".

Spejjez personali addebitati u jghaddu bhala spejjez tal-kumpaniji u uzu tal-assi tal-kumpanija ghal skop personali
24. Fir-rigward ta' dak espost f'paragrafu dsatax, jinghad illi ma hemm l-ebda spejjez personali tad-diretturi, ufficjali u familjari taghhom, li jithallsu minn FBS.

25. Ir-rikorrenti naqqsu milli jgibu prova ta' tali abbuz, proprju ghaliex tali abbuz ma jezistix.

Manuvri, skemi, nepotizmu u nuqqas ta' meritokrazija
26. Dwar ix-xhieda ta' Simon Flynn u John Zarb, l-esponenti jfakkru illi dawn huma persuni indipendenti, ta' integrita u tal-oghla reputazzjoni professjonali. Ir-rikorrenti jikkumentaw li dawn kienu inkonsistenti fix-xhieda taghhom minghajr ma jindikaw kif u fejn saret tali inkonsistenza.

27. Dwar il-valutazzjonijiet jerga' jinghad illi dawn saru kollha min esperti indipendenti.

28. Il-progett tal-kumpanija Olandiza kien gie studjat minn esperti lokali u anki barranin u gie sahansitra approvat bil-miktub mill-awtoritajiet tal-Gvern inkluz dawk fiskali.

29. L-esponenti jfakkru li FBS thaddan diversi mizuri effettivi sabiex tigi assigurata l-governanza tajba, u sabiex jigi eliminat (u anki, ma jizviluppax) kwalunkwe element ta' cronyism u cosy relationships. Kontrarjament ghal dak allegat mir-rikorrenti, tali mizuri jinvolvu kumitati indipendenti mmexxija minn nies indipendenti li huma wkoll tal-oghla reputazzjoni professjonali.

30. A skans ta' kull inekwivoku u repetizzjoni inutili, l-esponenti jispjegaw illi dak espost fit-taqsimiet bl-ismijiet 'premessi u motivazzjonijiet', 'rikapitulazzjoni u riepilogu' u 'kritika tar-rispons tal-Qorti' huwa trattat mir-rikorrenti fit-taqsimiet l-ohra tar-rikors guramentat u ghal liema din ir-risposta guramentata rrispondiet.

Ghaldaqstant, l-esponenti umilment jissottomettu bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti ghandha tichad it-talbiet kollha tar-rikorrenti bl-ispejjez kontra taghhom.

Rat ir-risposta guramentata ta' Francis Busuttil & Sons Limited, B&S Contractors Limited, Michael Busuttil, Joseph Busuttil, Christian Busuttil, Foster Clark Products Limited, Francis Busuttil & sons (Marketing) Limited, B&S Exports Limited, B&S Manufacturing Limited u Chris Degiorgio li tghid hekk:

1) IIli preliminarjarnent dan ir-rikors huwa irritu u null ghaliex ir-rikorrenti qed jappellaw minn provvedimenti tal-Prim Awla tal-Qorti Civili li huma intizi bhala decizjoni finali u l-ligi ma tippermettix li jerga' jinstema l-mertu mill-gdid. Ir-rikorrenti huma ben konsapevoli ta' dan il-fatt. Ghaldaqstant. dina l-Onorabbli Qorti ma ghandiex tikkonsidra t-talbiet tar-rikorrenti liema istanza ma hi xejn hlief tentattiv iehor sabiex jostakolaw il-gestjoni tan-negozju tal-familja Busuttil.

2) Illi preliminarjament ukoll u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit qed jigi premess illi l-provvedimenti moghtija, minn dina l-Onorabbli Qorti diversament preseduta jikkostitwixxu res judicata.

3) Illi preliminarjament ukoll u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, is-socjetajiet Foster Clark Products Limited (C-803), Francis Busuttil & Sons (Marketing) Limited (C-24137), B&S Exports Limited (C-16946) u B&S Manufacturing Limited (C-16941) ilkoll mhumiex il-legittimi kontradittturi u dan stante l-fatt illi r-rikorrenti mhumiex azzjonisti (membri) f'dawn is-socjetajiet fuq imsemmija. Maghdud ma' dan Chris Degiorgio wkoll mhuwiex il-Iegittimu kontradittur haliex huwa biss Direttur ta' Foster Clark Products Limited u ta' Francis Busuttil & Sons (Marketing) Limited. Ghaldaqstant dawn il-partijiet ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju. Dan diga gie deciz mill-Ewwel Onorabbli Qorti fid-digriet taghha tas-6 ta' Mejju 2013 u mill-Qorti tal-Appell fid-decizjoni taghha tal-31 ta' Jannar 2014 kif ser jigu muri fil-mori ta' din il-kawza.

4) IIli preliminarjament ukoll u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit it-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda ghaliex ir-rikorrenti ma gabu ebda raguni biex jiggustifikaw it-talbiet taghhom fir-rikors in risposta. L-unika raguni esposta mir-rikorrenti hija biss immirata lejn il-fatt li mhumiex kuntenti bil-provvedimenti moghtija minn din l-Onorabbli Qorti diversament presduta.

5) Illi preliminarjament ukoll u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit ikun appozitu ghall-ekonomija tal-gudizzju illi jigu allegati l-atti tal-kawzi numru 12/15JZM, 642/2012JZM, 802/2014JZM u 833/2014JZM u dan sabiex il-provi li diga kienu meqjusin bhala rilevanti sabiex jinghataw l-provvedimenti datati 6 ta' Mejju 2013 u 30 ta' Marzu 2017 ma jergghux jigu duplikati hawnhekk.

Fil-mertu
6) IIli fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit l-allegazjonijiet kollha migjuba fir-rikors promotur dwar agir mhux korrett, ta' tmexxija irregolari, ta' oppressjoni u/jew pregudizzju u/jew diskriminazzjoni f'tali tmexxija u allegazzjonijiet ohra huma kollha michuda u infondati fil-fatt u fid-dritt u dan ghar-ragunijiet diga avvanzati fl-istess proceduri tar-rikors numru 642/2012JZM.

7) Illi kif ser jigi ppruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza, l-kumpanniji intimati, u li fihom ir-rikorrenti huma azzjonisti, jitmexxew skont il-ligi fl-ahjar interess tal-azzjonisti kollha u b'rizultati ottimi. Ghaldaqstant it-talba tar-rikorrenti hija minghajr bazi u ghandha tigi michuda bl-ispejjez.

8) Illi oltre minn dan, ir-rikorrenti ma gabu ebda prova la fil-kawza numru 642/12JZM u lanqas f'din l-istanza prima facie, illi f'dan kollu huma gew diskriminati jew sofrew xi preguddizzju.

9) Illi ghaldaqstant dan kollu juri illi t-talbiet tar-rikorrenti huma biss frivoli u vessatorji.

Ghal dawn ir-ragunijiet kollha u ghal dawk ir-ragunijiet li ser jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza, it-talbiet kollha tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti.

Rat ir-risposta guramentata ta' Bag Investments Limited u Yan Company Limited li tghid hekk:

1. Illi s-socjetajiet eccipjenti qatt ma kellhom ikunu l-legittimi kontraditturi tat-talba attrici, stante li dawn iz-zewg socjetajiet ma humiex azzjonisti diretti f'ebda wahda mis-socjetajiet li dwarhom saru lamentazzjonijiet mill-atturi fil-procedura ai termini tal-artikolu 402 tal-Kap. 386, minn liema procedura qed jigi hawnhekk ittentat appell b'mod indirett.

2. Illi fil-fatt is-socjetajiet eccipjenti huma azzjonisti fis-socjeta T&L Holdings Limited u kwindi l-istess eccipjenti zgur li ma ghamlu xejn li b'xi mod qatt seta' jaqa' fil-parametri tal-artikolu 402 tal-Kap. 386, u b'hekk fil-konfront tal-eccipjenti it-talbiet ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.

3. Illi l-eccipjenti pero jaghmlu referenza ghall-lamentazzjonijiet tal-atturi in kwantu jirrigwarda il-kwistjoni tal-hatra ta' diretturi tal-kumpanija u l-eccipjenti josservaw li hemm ftehim espress bejn l-azzjonisti kollha li kull wahda mill-familji rappresentattivi tal-hames ahwa originali ghandha tkun rapprezentata fuq il-Bord, u li ghandha tkun dik il-familja partikolari stess li taghmel il-hatra tar-rappresentant taghha fuq il-Bord ta' Francis Busuttil & Sons Limited.

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.

Rat ir-risposta guramentata ta' Jean Paul Busuttil bhala direttur ta' B & S Contractors Limited li tghid hekk:

1. Illi huwa direttur tal-kumpannija B&S Contractors Limited u r-risposta tieghu hi ghalhekk limitata ghal dak li jirrigwarda biss dik il-kumpanija u r-rwol tieghu bhala direttur taghha.

2. Illi t-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda bhala infondata fil-fatt u fid-dritt u d-decizjonijiet li tat dil-Qorti diversament preseduta fil-kawza bin-numru 12/15JZM fl-ismijiet hawn fuq imsemmija, ma ghandhomx jigu disturbati fil-konfront tal-eccipjent.

3. Illi l-eccipjent kien direttur tal-kumpanija B&S Contractors Limited, u dejjem agixxa b'mod korrett, ragonevoli, u skond il-ligi fl-interess tal-istess kumpanija, u kwindi ma hemm xejn li ghandu jigi sanzjonat il-konfront tal-agir tieghu, kif ser jigi ppruvat f'aktar dettal waqt is-smigh tal-kawza.

4. Illi ghalhekk jissottometti bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti ghandha tichad it-talbiet attrici bl-ispejjez kollha kontra taghhom.

5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat ir-risposta guramentata ta' T&L Holdings Limited li tghid hekk:

1. Illi l-esponenti taghmel riferenza ghad-difizi minnha mressqa fil-procedura ad hoc (402 action) li kienet giet ipprezentata mir-rikorrenti odjerni fl-ismijiet premessi u bin-numru 642/2012JZM. B'mod partikolari l-esponenti tghid li l-affarijiet deskritti mir-rikorrenti huma affarijiet li ghalihom ghandhom jirrispondu id-diretturi tal-kumpaniji koncernati u certament mhux T&L Holdings Limited. B'zieda ma' dan il-kumpanija esponenti tghid li hi ma ghamlet xejn li jista' bl-aktar mod remot jigi kkunsidrat bhala diskriminatorju, abusiv u/jew lesiv tad-drittijiet tar-rikorrenti. Ghalhekk ghandha fi kwalsiasi kaz tigi mehlusa bl-ispejjez.

2. Illi dwar il-kwistjoni tal-hatra ta Suzanne Busuttil bhala direttur tal-kumpanija l-esponenti tghid li hemm ftehim espress bejn l-azzjonisti kollha li kull wiehed mill-ahwa originali u l-familjari diretti taghhom (legacy family), kellhom u ghad ghandhom id-dritt li jinhatar bhala direttur tal-Bord tal-kumpanija FBS persuna tal-ghazla tieghu, dan kif gie attwat espressament u ripetutament mill-bidu tal-kumpanija sa meta qam it-tilwim bejn Suzanne Buzuttil u whud mill-membri tal-familja Busuttil.

3. Illi fl-ahhar nett l-esponenti tghid stante ir-relazzjoni ta' familja li tezisti bejn il-partijiet (u l-azzjonisti tal-kumpannija T&L Holdings Limited) l-esponenti jhossu li d-disgwid li qam ghandu jigi risolt bi djalogu bejn il-partijiet kollha u tghid bla pregudizzju u filwaqt li tistieden lill-partijiet kollha jaghmlu forz biex jittransigu din il-pendenza tghid li hi lesta biex tghin lill-partijiet jaslu ghal soluzzjoni bonarja.

4. Salv eccezzjoni'iet ulterjuri jekk ikun il-kaz.

Fatti

1. Dwar il-fatti l-esponenti tirrimetti ruhha ghall-evidenza kopjuza li gia tressqet quddiem il-Qorti li ddecidiet ir-rikors originali (642/12). Tghid ukoll li din kienet wahda minn sensiela ta' kawzi relatati li kellha quddiemha dakinhar il-Qorti u li ghalhekk din il-Qorti ghandha wkoll jkollha quddiemha l-atti kollha in kwistjoni.

Rat l-atti u noti ta' sottomissjonijiet prezentati;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza fuq l-eccezzjonijiet preliminari.

**Ikkunsidrat**

Dawn l-eccezzjonijiet fil-qosor huma:

1. Li r-rikors ma hux permissibbli ghax ma hemmx dritt ta' appell u dak li qed jaghmlu l-atturi hu li jergghu jsostnu l-mertu tar-rikors a bazi tal-artikolu 402 u jitolbu lil Qorti terga' tikkunsidra l-mertu mill-gdid meta dan mhux permess;
2. Il-provvediment tal-Qorti tat-30 ta' Marzu 2017 hu finali u ma hemmx dritt ta' appell kwindi qed jigi eccepiet li l-provediment hu res judicata.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Qabel xejn il-Qorti ser taghmel accenn fil-qosor ghal dak li wassal ghal din il-kawza. L-atturi odjerni kienu resqu rikors ai termini tal-artikolu 402 tal-Kap. 386 billi gie allegat illi l-kumpaniji ilhom ghal zmien titmexxa b'tali mod li tikkostitwixxi diskriminazzjoni, oppressjoni u pregudizzju mal-atturi qua membri tal-istess socjeta.

B'digriet tas-6 ta' Mejju 2013 il-Qorti iddeciediet illi r-rikorrenti Suzanne Busuttil de proprio, ir-rikorrent Brian Busuttil de proprio u r-rikorrenti Stealth Holdings Limited ma jikkwalifikawx bhala "membru" tal-kumpaniji Foster Clark Products Limited, Francis Busuttil & Sons (Marketing) Limited, B&S Exports Limited u B&S Manufacturing Limited huma prekluzi milli jintavolaw azzjoni skont l-art. 402 tal-Kap. 386 kontra dawk l-erba' kumpaniji.

B'digriet jew provvediment finali tal-Qorti tat-30 ta' Marzu 2017, il-Qorti cahdet it-talbiet kollha taghhom.

Il-kawza odjerna qed issir biex l-atturi jimpunjaw dak id-digriet. Kif gustament rilevat fil-preambolu ghar-rikors guramentat, l-atturi jissottometti illi kif gie deciz fil-process 642/2012 fl-ismijiet Suzanne Busuttil et u Francis Busuttil & Sons Limited et, mhux ammissibbli appell minn provvediment taht l-artikolu 402 tal-Kap. 386 izda jista' jigi revokat biss bi proceduri appositi mehuda in kontradittorju fil-Qorti li tkun mitluba li

tirrevoka dak id-digriet u minn tali decizjoni jkun hemm dritt ta' appell lil Qorti tal-Appell.

Dan iwassal ghal kunsiderazzjoni legali dwar in-natura tal-azzjoni odjerna. Kif intqal fis-sentenza fuq riferita ma hemmx dritt ta' appell minn provvediment tal-Qorti dwar l-artikolu 402 tal-Kap. 386. Dan ifisser illi l-provvediment fil-mertu tieghu ghandu jitqies finali. Il-kontradittorju mhuwiex intiz biex jerga jinfetah il-mertu mill-gdid qisha l-procedura u l-provvediment taht l-artikolu 402 ma kellha ebda valur. Il-kontradittorju biex jigi revokat provvediment irid jigi inkwadrat fil-poter residwali moghti lil-Qrati Ordinarji biex jissindakaw operat jew gudizzju ta' Qorti jew Tribunal u dan peress illi appell minn provvediment bhal dan in kwistjoni hu eskluz. Din il-procedura mhix estensjoni tal-proceduri tal-ewwel Qorti izda procedura ad hoc biex jigi assikurat li parti ma tkunx sofriet pregudizzju. Din il-gurisdizzjoni residwali, skond il-gurisprudenza tal-Qorti f'diversi sentenzi fi proceduri anki naxxenti minn decizjonijiet ta' Tribunali hi intiza biex tissana:
a. nuqqas ta' tharis tal-principji ta' gustizja naturali;
b. ksur ta' xi dispozizzjonii tal-ligi fl-ghoti tad-decizjoni;
c. fejn il-gudikant agixxa ultra jew extra petita.
Ara f'dan is-sens **Avukat Generali et vs Nicoli Magrin et**, App 24/11/2017; **Avukat Generlai vs Kap tas-Servizzi tas-Sigurta et**, App 07/05/2010; **Anthony Gatt vs Direttur tas-Sigurta Socjali**, App Inf 13/01/2004).

Stabbilit il-parametri sa fejn din il-Qorti tista' tissandaka talba biex jigi revokat digriet trid l-ewwel jigu kunsidrati l-eccezzjonijiet.

Il-konvenuti qed isostnu illi josta ghat-talbiet attrici ir-res judicata. Din il-Qorti issib tali eccezzjoni infondata. Kif gia gie rilevat aktar il-fuq din il-kawza fil-principju hi talba ghal revoka ta' provvediment li l-Qorti tal-Appell qieset bhala l-procedura idonea fic-cirkostanzi u mhix kawza ohra bejn l-istess partijiet bl-istess eadem res u eadem causa petendi. Il-parametri ta' din l-azzjoni huma ben differenti u mhux intizi biex jerghu jifthu mill-gdid l-istess mertu bejn il-partijiet izda biex jissanaw irregolarita jew ingustizzja legali. Ghalhekk ma hemm ebda kwistjoni ta' res judicata f'dawn il-

proceduri u lanqas jista' jkun hemm, kif lanqas jista jinghad li l-procedura wzata mill-atturi hi irrita u nulla.

B'eccezzjoni ohra moghtija mill-konvenuti qed isostnu illi l-provvedimenti tas-6 ta' Mejju 2013 u tat-30 ta' Marzu 2017 huma finali u l-atturi ma jistghux jergghu jqajmu l-mertu mill-gdid ghax dan mhux permess f'revoka ta' provvediment. Il-konvenuti fis-sottomissjonijiet taghhom jillimitaw din l-eccezzjoni ghall-intendiment tal-legislatur billi la darba l-ligi tipprovdi ghal provvediment finali bla appell, mhux lecitu ghal atturi li jergghu jqajmu l-mertu mill-gdid. Il-Qorti gia qieset illi l-azzjoni odjerna hi sui generis u kull revoka tista' titqies biss in linea mal-gurisdizzjoni residwali tal-Qrati taghna li jissanaw ingustizzja li tigi pruvata fil-parametri tal-principji msemmija fil-bidu ta' din is-sentenza.

Il-Qorti ghalhekk trid tqis jekk l-atturi fil-fatt ressqux talbiet li jinkwadraw ruhhom fil-parametri msemmija minn din il-Qorti f'kawzi ta' din in-natura. In kwantu ghad-digriet tas-6 ta' Mejju 2013, din il-Qorti tqis li l-provvediment tal-Qorti kien inghata ghax fil-fehma taghha, la darba r-rikorrenti ma humiex azzjonisti fis-socjetajiet Foster Clark Products Limited, Francis Busuttil & Sons (Marketing) Limited, B&S Exports Limited u B&S Manufactuirng Limited, ma setghux jintavolaw proceduri a bazi tal-artikolu 402 tal-Kap. 386 kontrihom. Tali digriet kien wiehed purament procedurali u legali u din il-Qorti ma tarax kif jista' jigi allegat nuqqas ta' tharis ta' principju ta' gustizzja naturali jew ksur ta' dispozizzjoni ta' ligi jew agir ultra jew extra petita. In kwantu ghal-mertu tal-azzjoni kontra l-konvenuti l-ohra l-atturi jibdew billi f'termini generali jibbazaw it-talba ta' impunjazzjoni fuq diversi allegazzjonijiet ta' nuqqasijiet li ippregudikaw id-drittijiet taghhom ta' membri ta' socjeta. Isostnu illi hemm nuqqasijiet serji ta' corporate governance u trasperenza, u rispett lejn il-minoranzi." Dawn in-nuqqasijiet gew imfissra mir-rikorrenti hekk: vjolazzjoni tad-doveri bazici ta' direttur ta' self-dealing u conflict of interest; vjolazzjoni tad-dover baziku ta' direttur li jagixxu fl-ahjar interess tal-kumpannija; vjolazzjoni tal-corporate opportunity doctrine, fejn xi diretturi jiehdu a vantagg personali taghhom, opportunitajiet kummercjali li jigu f'kuntatt maghhom minhabba l-kariga; nuqqas serju ta' trasparenza minhabba nuqqas ta' trasmissjoni ta' informazzjoni kompleta, b'mod illi l-membri jew xi membri tal-Bord ma humiex f'posizzjoni li jaraw il-kwadru shih tas-sitwazzjoni; tmexxija "oligarkika" tal-

kumpannija fejn numru zghir jaghmel decizjonijiet wahdu u fl-interess ta' ftit, mhux fl-interess aktar wiesgha tal-kumpaniji; nuqqas ta' access ghall-informazzjoni; beneficcji mhux awtorizzati jew mohbija minn xi membri. Dan oltre allegazzjonijet ohra fil-mori tal-proceduri.

L-atturi jsostnu illi l-intervent tal-Qorti gie mitlub minhabba frodi, abbuz u malgestjoni, konflitt ta' interess u nuqqas ta' governanza serja. Il-Qorti flok ikkoncentrat fuq il-kwadru shih li jipprova tali allegazzjonijiet iffokat fuq dettalji, hafna minnhom irrelevanti jew ancillari. Tat piz lil xhieda mhux attendibbli u kredibbli ghax kellhom interess jiddefendu l-operat taghhom. Il-Qorti erronjament naqset li ma taccettax ir-reinstatement ta' Suzanne Busuttil fil-Bord ta' FBS jew ta' Brian Busuttil bhala rapprezentant tal-family legacy u biex Suzanne Busuttil tinghata impjieg ma' FBS. Il-Qorti naqset li tintervjeni fid-dawl ta' provi ta' cash ta' flus mill-kumpaniji li kellhom impatt fuq il-financial statements u huma prova ta' malgovernanza. Il-Qorti wkoll ma ippermettitx certi xhieda bhal Wendy Busuttil u John Zarb milli jixhdu jew jigu esebiti dokumenti essenzjali. Fi ftit kliem il-Qorti ma fehmitx li dan kollu wera oppressjoni u diskriminazzjoni ingusta fil-konfront tal-atturi. Il-Qorti artificjalment iddistingwiet bejn il-holding u subsidiary companies meta fil-fatt dawn jikkostitwixxu realta ekonomika wahda u b'hekk halliet kumpaniji separati bl-istess beneficial owners juzaw il-kumpaniji biex jeludu d-drittijiet tal-azzjonisti. L-artikolu 402 jinkorpora fl-affairs of the company' l-assi kollha inkluzi l-kumpaniji sussidjarji u l-immaniggar taghhom. L-atturi jitrattaw fid-dettal dawn il-lanjanzi fir-rikors promotur, u izidu li l-Qorti ikklasifikat lil attrici qua whistleblower li min jikxef il-hazin ikun qed jirriskja it-tnehhija mill-gestjoni tal-kumpaniji bis-sanzjonar tal-Qorti.

Wara li l-Qorti qieset dawn l-allegazzjonijiet, issib illi dak li jsostnu l-atturi hu illi l-Qorti ma iddecidietx sew ghax kienet ta' fehma differenti minn dak lli riedu l-atturi. Jekk taghsar l-allegazzjonijet tal-atturi f'din il-kawza din il-Qorti tqis illi dak li qed jippruvaw jaghmlu l-atturi hu talba ghal riapprezzament mil-gdid tal-fatti bl-isperanza li din il-Qorti tasal ghal konkluzjoni differenti. Fil-fehma tal-Qorti ma ngiebet ebda prova ta' ksur ta' principji ta' gustizzja naturali f'dak li hu audi alteram partem, nemo iudex in causa propria u nuqqas ta' motivazzjoni ta' decizjoni. Mill-atti jidher li l-Qorti tat l-opportunita lil partijiet isemmghu lehinhom u l-fatt li l-Qorti cahdet xi talbiet tal-atturi

biex iressqu xi prova jew issir xi domanda ma jfissirx li l-atturi ma kellhomx opportunita jinstemghu izda li l-Qorti fil-fehma taghha dehrilha, kif ghandha kull dritt, tqis dak li hu ammissibbli jew mhux, f'rikors ai termini tal-artikolu 402. Kull ilment tal-atturi gie indirizzat mill-Qorti u jekk l-atturi ma qablux mal-konkluzjoni raggunta mill-Qorti ma jfissirx li kien hemm nuqqas ta' motivazzjoni izda biss nuqqas ta' qbil fuq tali motivazzjoni. L-istess jinghad ghal ksur ta' xi dispozizzjoni tal-ligi li biha inghata l-provvediment billi dak li qed jilmentaw minnu l-atturi mhux dwar l-applikazzjoni hazina ta' dispozizzjoni ta' ligi izda l-interpretazzjoni li nghatat mill-Qorti ghall-fatti kif riflessi f'dak li jrid u jippermetti l-artikolu 402. Bl-istess mod ma jistax jinghad li fil-provvediment moghti inghata aktar jew oltre dak miltub ghax il-Qorti cahdet it-talba tal-atturi ghax fil-fehma taghha l-fatti ma kienux iwasslu lil Qorti biex tqis li l-atturi kienu jehtiegu l-protezzjoni moghti bl-artikolu 402 kif interpretat mill-istess gurisprudenza u awturi awtorevoli.

Ghalhekk il-Qorti tqis illi din l-eccezzjoni tal-konvenuti hi ben fondata u toqtol l-azzjoni attrici, billi ma giet allegata ebda raguni skond il-ligi u l-gurisprudenza ghaliex il-provvedimenti tas-6 ta' Mejju 2013 u tat-30 ta' Marzu 2017 ghandhom jigu mwarrba.

**Decide**

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti qed tilqa' l-eccezzjoni illi r-ragunijiet li waslu ghat-talbiet attrici kif maghmula mhux legalment sostenibbli fl-isfond ta' talba ghal revoka minn provvediment taht l-artikolu 402 tal-Kap. 386 billi l-atturi qed jitolbu biss indagini mill-gdid tal-provvedimenti moghtija tas-6 ta' Mejju 2013 u fit-30 ta' Marzu 2017 li mhux permess f'dan il-kaz. Spejjez ghall-atturi.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur